

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2021/975 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' Ġunju 2021

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2021/26)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u 18.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi") jistgħu, sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, iwettqu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħrajn fis-suq, bis-self ikun ibbażat fuq kollateral adegwat. Il-kundizzjonijiet ġenerali li taħtom il-BĊE u l-BĊNi jinsabu lesti biex jidħlu f'operazzjonijiet ta' kreditu, inklużi l-kriterji li jiddeterminaw l-eliġibbiltà ta' kollateral għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, huma stabbiliti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ⁽¹⁾.
- (2) B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill Governattiv adotta, fis-7 ta' April 2020 u fit-22 ta' April 2020, ċerti miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kollateral bl-għan li jiġi żgurat li l-kontropartijiet tal-Eurosistema jibqgħu kapaċi jżommu u jimmobilizzaw biżżejjed kollateral sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tal-Eurosistema li jipprovdu likwidità, u li għalhekk l-Eurosistema tkun f'pożizzjoni li tappoġġa l-għoti ta' kreditu lill-ekonomija taż-żona tal-euro.
- (3) Dawn il-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kollateral ġew stabbiliti f'emendi introdotti fil-Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾ permezz tal-Linja Gwida (UE) 2020/515 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/21) ⁽³⁾ u l-Linja Gwida (UE) 2020/634 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/29) ⁽⁴⁾, rispettivament. Il-premessi 4 u 6 tal-Linja Gwida (UE) 2020/515 (BĊE/2020/21) iddikjaraw li l-miżuri addizzjonali stabbiliti fl-emendi introdotti skont dik il-Linja Gwida għandhom japplikaw temporanjament. Ma ġiet speċifikata l-ebda data tat-tmiem, bir-raġunament li l-miżuri setgħu jiġu revokati fi kwalunkwe ħin partikolari. Il-Linja Gwida (UE) 2020/634 (BĊE/2020/29) stipulat li l-emendi introdotti permezz ta' dik il-Linja Gwida jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Settembru 2021, peress li l-Kunsill Governattiv qies li għandhom japplikaw sal-ewwel data ta' ħlas lura bikri taħt it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rfinanzjament għal żmien itwal (TLTRO-III) applikabbli f'dak iż-żmien.

⁽¹⁾ Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

⁽²⁾ Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28).

⁽³⁾ Linja Gwida (UE) 2020/515 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' April 2020 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2020/21) (ĠU L 110 I, 8.4.2020, p. 26).

⁽⁴⁾ Linja Gwida (UE) 2020/634 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Mejju 2020 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2020/29) (ĠU L 148, 11.5.2020, p. 10).

- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jadotta miżuri addizzjonali ta' politika monetarja bil-għan li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli matul il-perjodu tal-pandemija, u b'hekk jappoġġa l-fluss ta' kreditu lis-setturi kollha tal-ekonomija, filwaqt li jirfed l-attività ekonomika u jissalvagwardja l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq żmien medju. Bħala parti minn dawn il-miżuri, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li l-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kollateral adottati mill-Kunsill Governattiv fis-7 ta' April 2020 u t-22 ta' April 2020 għandhom japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2022, u dan għandu jiġi rifless fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linja Gwida BĊE/2014/31. Dan se jiżgura li l-banek ikunu jistgħu jkomplu jagħmlu użu sħiħ mill-operazzjonijiet ta' likwidità tal-Eurosistema, b'mod partikolari t-TLTRO-III. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill Governattiv se jerġa' jivvaluta dawn il-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kollateral qabel Ġunju 2022.
- (5) Il-Kunsill Governattiv iqis il-firxa sħiħa ta' miżuri adottati fl-10 ta' Diċembru 2020 bħala meħtieġa u proporzjonati biex jaħdmu kontra r-riskji serji maħluqa mill-persistenza tal-kundizzjonijiet severi tal-pandemija għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja u l-perspettiva ekonomika fiż-żona tal-euro. Il-Kunsill Governattiv jibqa' lest biex jaġġusta l-istrumenti kollha tiegħu, kif ikun xieraq, biex jiżgura li l-inflazzjoni tersaq lejn l-għan tiegħu b'mod sostnut, skont l-impenn tiegħu għas-simetrija.
- (6) Peress li l-Linja Gwida (UE) 2020/634 (BĊE/2020/29) tibqa' fis-seħħ sad-29 ta' Settembru 2021, jeħtieġ li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tal-Linja Gwida BĊE/2014/31 affettwati minn dik il-Linja Gwida li temenda, speċifikament l-Artikolu 8b u l-Annessi IIa u IIb, jibqgħu fis-seħħ wara dik id-data u għandhom isiru l-aġġustamenti leġislattivi meħtieġa għal dan il-għan. Sabiex jiġi evitat vojtt ġuridiku fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kkonċernati, il-BĊNi għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mit-30 ta' Settembru 2021.
- (7) Għaldaqstant, il-Linja Gwida BĊE/2014/31 għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi għal Linja Gwida BĊE/2014/31

Il-Linja Gwida BĊE/2014/31 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8a, huwa miżjud il-paragrafu li ġej:

'3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022.;

- (2) L-Artikolu 8b huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 8b

L-aċċettazzjoni ta' ċerti assi negozjabbli u emittenti eliġibbli fis-7 ta' April 2020

1. It-termini użati f'dan l-Artikolu għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fil-Linji Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59(3), l-Artikolu 71 u l-Artikolu 82(1)(a) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), assi negozjabbli — għajr titoli garantiti minn assi (ABSs) — maħruġa fi jew qabel is-7 ta' April 2020 li fis-7 ta' April 2020 kellhom klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika, ipprovduta minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li kkonformaw mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema, għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sakemm, f'kull ħin wara s-7 ta' April 2020:

- (a) ikollhom klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika pprovduta minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda li tikkonforma, bħala minimu, mal-livell 5 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema; u
- (b) ikomplu jikkonformaw mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għal assi negozjabbli kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika fis-7 ta' April 2020, kif imsemmija f'dan il-paragrafu, għandha tiġi ddeterminata mill-Eurosistema fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a), l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 83, l-Artikolu 84(a) u (b), l-Artikolu 85 u l-Artikolu 86 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

3. Fejn il-konformità ta' assi negozjabbli mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema fis-7 ta' April 2020 hija ddeterminata fuq il-bażi ta' klassifikazzjoni ta' emittent minn ECAI jew klassifikazzjoni ta' garanti minn ECAI pprovduta minn sistema ECAI aċċettata, dak l-assi negozjabbli għandu jikkostitwixxi kollateral eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sakemm, f'kull ħin wara s-7 ta' April 2020:

- (a) il-klassifikazzjoni tal-emittent minn ECAI jew il-klassifikazzjoni tal-garanti minn ECAI, kif applikabbli, għal dak l-assi negozjabbli tikkonforma, bħala minimu, mal-livell 5 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema; u
- (b) dak l-assi negozjabbli jkompli jikkonforma mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għalih kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

4. Assi negozjabbli — minbarra ABSs — maħruġa wara s-7 ta' April 2020 u li l-emittent jew garanti tagħhom, kif applikabbli, kellu fis-7 ta' April 2020 klassifikazzjoni ta' kreditu pubblika mogħtija minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li kienet konformi mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema, għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sakemm, f'kull ħin wara s-7 ta' April 2020:

- (a) dawk l-assi negozjabbli għandhom klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika, ipprovduta minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li tikkonforma, bħala minimu, mal-livell 5 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema; u
- (b) dawk l-assi negozjabbli jikkonformaw mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għal assi negozjabbli kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tiġi ddeterminata mill-Eurosistema fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a), l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 83, l-Artikolu 84(a) u (b), l-Artikolu 85 u l-Artikolu 86 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

5. Bonds koperti maħruġin wara s-7 ta' April 2020 taħt programm ta' bonds koperti li fis-7 ta' April 2020 stess kellhom valutazzjoni tal-kreditu, ipprovduta minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li kienet konformi mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema, għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sakemm:

- (a) f'kull żmien wara s-7 ta' April 2020, il-programm ta' bonds koperti jkollu klassifikazzjoni ta' kreditu pubblika, ipprovduta minn ta' mill-inqas sistema ECAI aċċettata waħda, li tikkonforma, bħala minimu, mal-livell 5 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema, u
- (b) dawn il-bonds koperti jikkonformaw mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għalihom kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

6. L-assi negozjabbli msemmija fl-Artikolu 87(2) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) li fis-7 ta' April 2020 ma kellhomx klassifikazzjoni tal-kreditu pubblika pprovduta minn sistema ECAI aċċettata, iżda li fis-7 ta' April 2020 kellhom valutazzjoni ta' kreditu impliċita derivata mill-Eurosistema skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 87(1) u (2) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) li kienet konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema, għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema irrispettivament mid-data tal-ħruġ tagħhom sakemm, f'kull ħin wara s-7 ta' April 2020:

- (a) l-emittent jew il-garanti, kif applikabbli, ta' dawn l-assi negozjabbli jikkonforma, bħala minimu, ma' rekwiżit tal-kwalità tal-kreditu li jikkorrispondi għal-livell tal-kwalità tal-kreditu 5 fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema; u
- (b) dawn l-assi negozjabbli jikkonformaw mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għalihom kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59(3), l-Artikolu 71 u l-Artikolu 82(1)(b) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), l-ABS maħruġa fi jew qabel is-7 ta' April 2020 li fis-7 ta' April 2020 kellhom mill-inqas żewġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu pubbliċi, kull waħda pprovduta minn sistema ECAI aċċettata differenti, li kkonformaw mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema skont il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sakemm, f'kull ħin wara s-7 ta' April 2020:

- (a) ikollhom mill-inqas żewġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu pubbliċi, kull waħda pprovduta minn sistema ECAI aċċettata differenti, li jkkonformaw, bħala minimu, mal-livell 4 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema; u
- (b) jibqgħu jkkonformaw mal-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà applikabbli għall-ABSs kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a) sa (d) u l-Artikolu 3(4) ta' din il-Linja Gwida m'għandhomx japplikaw għall-ABS imsemmija f'dan il-paragrafu.

8. ABS li fis-7 ta' April 2020 ġew aċċettati mill-Eurosistema bħala kollateral eliġibbli taħt l-Artikolu 3(1) ta' din il-Linja Gwida għandhom jibqgħu eliġibbli sakemm, f'kull żmien wara s-7 ta' April 2020:

- (a) ikollhom żewġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu pubbliċi ta' mill-inqas tal-iskala 4 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema pprovduta minn żewġ sistemi ECAI aċċettati; u
- (b) jibqgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha applikabbli għalihom skont l-Artikolu 3(1) (ħlief il-livell ta' klassifikazzjoni), l-Artikolu 3(2a) u l-Artikolu 3(4) ta' din il-Linja Gwida.

Biex jiġi evitat kull dubju, l-Artikolu 3(2) ta' din il-Linja Gwida ma għandux japplika għall-ABS imsemmija f'dan il-paragrafu.

9. Sakemm jibqgħu jiġu aċċettati bħala kollateral eliġibbli mill-Eurosistema skont dan l-Artikolu, l-assi negozjabbli, inklużi bonds koperti, imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6 għandhom ikunu soġġetti għall-haircuts tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IIb għal din il-Linja Gwida. L-ABS imsemmija fil-paragrafi 7 u 8 għandhom ikunu soġġetti għall-haircuts fil-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IIa għal din il-Linja Gwida. Il-haircuts fil-valutazzjoni għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-klassifikazzjoni attwali applikabbli fi kwalunkwe jum partikolari wara s-7 ta' April 2020 skont ir-regoli relatati mal-prijorità tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI kif stabbilit fl-Artikoli 83 sa 88 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

10. Minbarra haircuts tal-valutazzjonijiet ipprovduti fil-paragrafu 9, il-haircuts tal-valutazzjoni addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) ABS, bonds koperti u strumenti tad-dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma teoretikament vvalutati skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 134 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali fil-forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni ta' 4 %;
- (b) bonds koperti għall-użu proprju għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali ta' (i) 6,4 % applikata għall-valur tal-istrumenti tad-dejn allokat għall-passi tal-kwalità tal-kreditu 1 u 2, u (ii) 9,6 % applikata għall-valur tal-istrumenti tad-dejn allokat għall-pass tal-kwalità tal-kreditu 3, 4 u 5;
- (c) għall-finijiet tal-paragrafu (b), 'użu proprju' għandha tfisser is-sottomissjoni jew l-użu minn kontroparti ta' bonds koperti li jkunu maħruġa jew iggarantiti mill-kontroparti nfisha jew minn xi entità oħra li magħha dik il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib kif iddeterminat skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);
- (d) jekk il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu (b) ma tkunx tista' tiġi applikata fir-rigward ta' sistema ta' ġestjoni ta' kollateral ta' BĊN, aġent tripartit, jew TARGET2-Securities għal awtokollateralizzazzjoni, il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali għandha tiġi applikata f'dawk is-sistemi jew pjattaforma għall-valur tal-ħruġ sħiħ tal-bonds koperti li jistgħu jintużaw għal użu proprju.

11. Biex jiġi evitat kull dubju, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma indipendenti minn u m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għal xiri dirett taħt il-programm tal-assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (PSPP) (*), it-tielet programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti (CBPP3) (**), il-programm ta' xiri ta' titoli garantiti b'assi (ABSPP) (***), il-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (CSPP) (****) u l-programm ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP) (*****).

12. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022.

(*) Deċiżjoni (UE) 2020/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Frar 2020 dwar programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (BĊE/2020/9) (ĠU L 39, 12.2.2020, p. 12).

(**) Deċiżjoni (UE) 2020/187 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Frar 2020 dwar l-implimentazzjoni tat-tielet programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti (BĊE/2020/8) (ĠU L 39, 12.2.2020, p. 6).

(***) Deċiżjoni (UE) 2015/5 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri ta' titoli ggarantiti minn assi (BĊE/2014/45) (ĠU L 1, 6.1.2015, p. 4).

(****) Deċiżjoni (UE) 2016/948 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (BĊE/2016/16) (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 28).

(*****) Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2020 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2020/17) (ĠU L 91, 25.3.2020, p. 1).;

- (3) L-Anness Ila huwa mibdul bl-Anness I ta' din il-Linja Gwida;
- (4) L-Anness IIb huwa mibdul bl-Anness II ta' din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

- 1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi.
- 2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mit-30 ta' Settembru 2021.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNEX I

L-Anness IIa għal-Linja Gwida BĊE/2014/31 huwa sostitwit minn dan li ġej:

“ANNEX IIa

Livelli ta' haircut fil-valutazzjoni (f%) applikati għal titoli garantiti b'assi (ABS) eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 8b ta' din il-Linja Gwida

Kwalità tal-kreditu	Ħajja Medja Ppeżata *	Haircut fil-valutazzjoni
Pass 3	[0,1)	4,8
	[1,3)	7,2
	[3,5)	10,4
	[5,7)	12,0
	[7,10)	14,4
	[10, ∞)	24,0
Pass 4	[0,1)	11,2
	[1,3)	15,2
	[3,5)	18
	[5,7)	24,8
	[7,10)	30,4
	[10, ∞)	43,2”

* jġififeri [0,1) ħajja medja ppeżata (WAL – *weighted average life*) ta' inqas minn sena, [1,3) WAL ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

ANNEX II

L-Anness IIb għal-Linja Gwida BĊE/2014/31 huwa sostitwit minn dan li ġej:

“ANNEX IIb

Livelli ta' haircut fil-valutazzjoni (F%) applikati għal assi negozjabbli, minbarra ABS, imsemmija fl-Artikoli 8a u 8b

Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin) (*)	Kategorija I		Kategorija II		Kategorija III		Kategorija IV	
		Kupun fiss u varjabbli	kupun żero	Kupun fiss u varjabbli	kupun żero	Kupun fiss u varjabbli	kupun żero	Kupun fiss u varjabbli	kupun żero
Pass 4	[0,1)	6,4	6,4	8	8	12,8	12,8	20	20
	[1,3)	9,6	10,4	12	15,2	16	18,4	28	30
	[3,5)	11,2	12	16	20	19,2	23,6	33,6	37,2
	[5,7)	12,4	13,6	20	24,8	22,4	28,4	36,8	40,4
	[7,10)	13,2	14,4	21,6	28,4	24,8	32	40	44,8
	[10,∞)	14,4	16,8	23,2	31,6	26,4	34,8	41,6	46,8
Pass 5	[0,1)	8	8	12	12	22,4	22,4	24	24
	[1,3)	11,2	12	16	19,2	25,6	28	32	34
	[3,5)	13,2	14	22,4	26,4	28,8	33,2	38,4	42
	[5,7)	14,4	15,6	27,2	32	31,6	37,6	43,2	46,8
	[7,10)	15,2	16,4	28,8	35,6	33,2	40,4	46,4	51,2
	[10,∞)	16,4	18,8	30,4	38,8	33,6	42	48	53,2

(*) jġifieri [0,1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1,3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.